MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 266/2003/2

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**vs**

**John Mary Caruana u b'digriet tas-sbatax t'Ottubru 2003 gie kjamat in kawza Ignatio Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Mejju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna l-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef, hames mija u sebgha u hamsin centesmi Maltin (LM4,500.57) dovuti lilha in kwantu ghas-somma ta' erbat elef tlett mija disgha u tmenin lira, sitta u sittin

centesmu Maltin (LM4389.66) ghall-ilma li instab mhux registrat fil-fiond ‘Meadows’, Triq Ghajn Rihana, Burmarrad fis-sbatax (17) ta’ Settembru 2000 u fix-xhur ta’ qabel, u kwantu ghas-somma ta’ mija u ghax liri, wiehed u disghin centesmi Maltin (LM110.91) bhala rimborz ta’ l-ispejjez ta’ l-ispezzjoni li saret mill-Korporazzjoni attrici fl-istess fond u fl-istess data.

Bl-ispejjez inkluzi hdax-il lira u hamsin centesmi (LM11.50) ta’ l-ittra ufficjali tat-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Gunju 2002 u bl-imghax kummercjali kontra tieghu li huwa ngunt in subizzjoni.

Illi nhar is-sbatax (17) ta’ Ottubru 2003 deher Dr. Raphael Fenech Adami ghall-konvenut u talab il-kjamat in kawza ta’ Ignazio Chetcuti u fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-Korporazzjoni, l-Qorti laqghet it-talba tieghu w ordnat il-kjamat in kawza ta’ Ignatio Chetcuti.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut John Mary Caruana fejn ecepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talba tal-Korporazzjoni attrici hija legalment u fattwalment infondata fil-konfront tal-odjern konvenut u kwindi ghandha tigi respinta bl-ispejjes.

2. Illi fit-tieni lok jigi eccepit in oltre li l-konvenut ma kienx responsabbli ghal eventwali konsum tal-ilma mhux registrat jekk jirrizulta peress li hu stess kien sofra minn att ta’ vandalizmu u ta’ spoll minn terza persuna fi-zmien in kwistjoni tant li ghad hemm kawza pendenti quddiem il-Qrati Maltin fuq l-istess materja kif jirrizulta mill-anness dokument markat bhala Dok. A.

3. Illi fit-tielet lok jigi eccepit inoltre li l-ammont pretiz mill-Korporazzjoni attrici huwa ferm ezagerat partikolarment meta tqis li l-allegat abbuz

kawzat minn terzi dwar l-ilma ma kienx ilu aktar minn ftit jiem li jsehh.

4. Illi ‘n vista tal-eccezzjonijiet precitati ghandu jirrizulta ghalhekk li l-konvenut odjern ma hux il-legittimu kontradittur u se mai tal-anqas ghandu jigi kjamat in kawza z-ziju tieghu Ignatio Chetcuti, sabiex jirrispondi hu wkoll ghal pretensjonijiet tal-Korporazzjoni attrici.

5. B’riserva li jitressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Ignatio Chetcuti fejn eccepixxa is-segwenti:-

1. Illi l-konvenut kjamat in kawza ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-esponenti u l-Korporazzjoni attrici, stante li l-esponenti m’ghandux access ghal u lanqas pussess tal-fond li kien qed jigi provdut bis-servizz.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecceppit l-esponenti jeccepixxi li t-talba attrici ghandha tigi respinta fil-konfront tieghu stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u l-ammont reklamat mhux dovut mill-eccipjenti u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Marzu 2004 xehed **Emanuel Cumbo** prodott mill-Korporazzjoni ghas-Servizi tal-Ilma, fejn spjega li fiz-zmien in kwistjoni u cioe fis-sena 2000 huwa kien jokkupa l-kariga mal-Koporazzjoni attrici ta’ spettur li jinvestiga is-serq ta’ l-ilma u tal-kurrent elettriku. Qal li huwa kien ircieva messagg

minghand l-Ispettur tal-Pulizija Pio Pisani sabiex jaghmel spezzjoni fil-fond imsejjah ‘Meadows’, sitwat fi Triq Ghajn Rihana, Burmarrad peress li kien hemm allegazzjoni li kien sar xi serq ta’ ilma. Huwa fil-fatt investiga dan l-ilment u pprepara rapport li gie esebit u markat bhala Dok. EC 1. Jghid li minn din l-investigazzjoni huwa seta’ jistabilixxi illi f’dan il-fond kien hemm provista t’ilma diehel go fiha mill-pajpijiet tal-Korporazzjoni, izda kien imqieghda qabel il-meter sabiex b’hekk il-konsum ma jigix registrat. Ikkonferma li l-fond kien jintuza bhala razzett w ikkonferma li effettivament kienet infethet inkjesta Magisterjali.

Jghid li fost id-doveri li kellu, huwa kellu jinvestiga xi tkun il-kwantita tal-ilma li seta’ ittiehed u li dan ma giex registrat. Huwa ghamel il-kalkoli w mbaghad il-Korporazzjoni tapprovah kif gara f’dan il-kaz. Huwa esebixxa r-rapport li rrediga f’dan is-sens li gie markat bhala Dok. EC 2. Jghid li minghajr meter ma jkunx possibli ghalik li jikkomputa kemm ikun ittiehed ilma li ma giex registrat, ghalkemm il-korporazzjoni tista tghid kemm jista’ jghaddi ilma minn pajpijiet ta’ certu ghamla.

In kontro-ezami x-xhud ighid li ma jafx kif l-Ispettur tal-Pulizija seta jiddentifika kemm ittiehed ilma la l-pajpijiet kienu mwahla qabel il-meter. Jghid li l-kalkoli li huwa ha kienu bazati fuq il-komunikazzjoni li kienet saret minn zmien illi kien gie installat il-meter w ghalhekk huwa beda l-kalkoli tieghu mis-sena 1994. Huwa bbaza l-kalkoli tieghu fuq konsum mhux registrat li seta sar mis-sena 1994.

Ikkonferma li meta beda l-konsum illecitu ma jafx u fil-fatt ighid li seta kien qabel is-sena 1994, ghalkemm ikkonferma wkoll li mis-sena 1994 ‘l quddiem minn meta twahhal il-meter l-konsum, kien qed jigi registrat u fil-fatt kien anke qed isir hlas tal-konsum li kien qed isir u kien ghalhekk li

fl-istima li hareg huwa naqqas il-valur ta’ dak li gie konsmat lecitament skond l-hlas effettiv li kien sar. Jghid ukoll li l-*meter reader* kien imur regolarment u jaqra l-konsum li kien qed jigi registrat.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Marzu 2004 xehed **Francis Spiteri** wkoll prodott mill-Korporazzjoni, fejn qal li huwa kien akkumpanja lil Emmanuel Cumbo biex jaghmel investigazzjoni ta’ konsum abbusiv t’ilma mir-razzett mertu tal-kawza. Fil-fatt ighid li huwa kien ghamel ir-rapport flimkien ma Cumbo u li ghalhekk kien qiehed ingunt u fil-fatt wara li gie muri r-rapport EC 1 huwa kkonferma l-kontenut tieghu. Huwa wkoll esebixxa sett ta’ ritratti illi flimkien gew markati bhala Dok. FS. Ikkonferma li kien hu li ha dawn ir-ritrattti u li gew markati bhala Dok. FS.

In kontro-ezami ighid li sa fejn jaf qatt ma kien mar f’dan il-post qabel. Ikkonferma li huwa jokkupa l-kariga ta’ Spettur mal-Korporazzjoni u mhux *meter reader.*

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Ottubru 2004 xehed **John Deguara** prodott mill-konvenut u qal illi huwa jokkupa l-kariga ta’ *meter reader* mal-Korporazzjoni attrici. Ikkonferma illi huwa kien jaqra l-meter in kwistjoni. Huwa esebixxa lista tar-*readings* li giet markata bhala Dok. JD li huwa ha tal-fond in kwistjoni bejn il-wiehed u tletin (31) ta’ Lulju 2000 w is-sbatax (17) ta’ Novembru 2000. Fid-dok. JD 1 hemm ukoll indikat il-konsum registrat. Jghid li l-fond in kwistjoni huwa razzett bil-bieb tal-garaxx. Jikkonferma li meta ha r-*readings* ma ra xejn irregolari ghaliex ighid li kieku kien il-kaz kien jiehu n-notamenti relattivi.

Mistoqsi jiftakarx fejn kien il-meter ix-xhud ighid li jiftakar u jghid li kien hekk kif tidhol fuq in-naha tal-lemin, ghalkemm ighid li ma kienx joqghod jispezzjona l-post. Qal li ma ikunx jaf f’isem min ikun registrat il-meter kull ma jkollu huwa n-numru

tal-meter u huwa jimxi fuqu. Huwa gharaf il-konvenut John Mary Caruana bhala l-persuna li kienet tkun fuq il-post meta kien imur. Lil persuna tal-kjamat in kawza Ignatio Chetcuti, ma gharafhiex.

Illi nhar l-ghoxrin (20) ta' April 2005 xehed **PC 714 Victor Bonavia** prodott mill-atturi fejn qal li fis-sbatax (17) ta' Settembru 2000 meta huwa kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta, kien gie certu Ignatio Chetcuti jaghmillu rapport fejn allega li dakinhar stess kien sab l-garaxx tieghu li qieghed f'Ghajn Rihana huwa kien sab senter b'erba' skratacc li ma kienx tieghu. Huwa ghalhekk acceda fuq il-post flimkien mal-ex Spettur tal-Pulizija Pio Pisani sabiex jinvestigaw dan ir-rapport. Waqt li kienu qed jinvestigaw dan ir-rapport innotaw illi kien hemm il-meter ta' l-ilma li kellu pipe ahdar imqabbad mieghu qael ma jasal l-ilma sal-meter, u dan il-pipe ahdar kien iwassal ghall-ghelieqi tar-razzett, fis-sens li kien qed jittiehed ilma minghajr ma kien registrat il-konsum. Dan Ignatio Chetcuti kien allega maghhom li dan il-pipe kien qed iwassal l-ilma ghar-raba tan-neputi tieghu l-konvenut. Kien ghalhekk li l-ex Spettur ghamel rapport lit-teknici tal-Enemalta w infethet l-inkjesta Magisterjali relattiva.

Mistoqsi minn hadu fuq il-post ix-xhud ighid li kien Ignatio Chetcuti li hadu u kien hu li fethilhom il-post. Ikkonferma li kien jaf li bejnu u bejn l-konvenut John Mary Caruana kien hemm hafna kwistjonijiet fuq ir-razzett. Jekk saritx xi kwerela l-ghada li accedew fuq il-post, ighid li ma jafx.

Fuq il-post l-ex Spettur Pisani kien sab is-senter fejn gie indikat minn Ignatio Chetcuti u gie elevat. Spjega li waqt li kienu fuq il-post mar ukoll il-konvenut John Mary Caruana. Dan kien gie mistoqsi fuq il-pipe l-ahdar u dak il-hin wiegeb li ma kien jaf xejn dwaru. In-neputi li kien qed jircievi l-ilma kien il-konvenut John Mary Caruana

skond dan Ingatio Chetcuti. Jghid li dan John Mary Caruana wasal fuq il-post xi siegha u nofs wara li kienu waslu huma fuq il-post.

**PC 111 Mark Anthony Camilleri** xehed nhar l-ghoxrin (20) ta’ April 2005 u qal illi huwa kien stazzjonat l-ghassa tal-Pulizija ta’ l-Mgarr u kien gie *detailed* mill-ex Spettur Pisani sabiex jitla f’razzett Ghajn Rihana Burmarrad sabiex joqghod ghassa sakemm jigu t-teknici ta’ l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

Illi nhar l-ghoxrin (20) ta’ Ottubru 2005 xehed **il-konvenut John Mary Caruana** u spjega li nhar il-Hadd, sbatax (17) ta’ Settembru 2000 ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart ta’ wara nofsinhar huwa mar fir-razzett tieghu Burmarrad u sab li kellu l-entratura tieghu sgassata u s-serratura mibdula u sab il-pulizija li nfurmawh li kienu sabu li kien hemm pipe tal-ilma li huwa komunikat mal-main qabel il-meter. Huwa spjegalhom illi l-ahhar li kien mar ir-razzett kien is-sibt fis-sitta ta’ fil-ghodu sabiex ighalef il-bhejjem. Huwa seta jinnota li kien hemm verament pipe kkomunikat mal-main tal-Gvern u jghati ghal gol bir tieghu. Huwa spjega li ma kellux ghalfejn ighamel dan ghaliex kellu bizzejjed ilma. Ikkonferma li meta kien mar is-Sibt ta’ qabel pipe bhal dan ma kienx hemm. Ghalkemm qal li l-pipe li ntuza huwa tieghu u li huwa juza regolarment sabiex itella’ l-ilma mill-bir ghal gol-bitha. Huwa wkoll wera’ lil min kien qed jinvestiga l-kaz, l-pompa li huwa kien juza biex itella’ l-ilma mill-bir. Il-komunikazzjoni li kien hemm mal-main tal-Gvern kienet fuq in-naha ta’ gewwa tar-razzett. Dan ir-razzett qieghed bi qbiela ghand il-familja tieghu izda ghandu kwistjoni mal-kjamat in kawza Ignatio Chetcuti li ighid li ghandu dritt juza r-razzett u fil-fatt qed jidhollu fir-razzett billi jiehu l-ligi b’idejh.

Jghid li meta huwa indaga mal-Pulizija u staqsa min kien effettivament sgassalu l-bieb l-pulizija

nfurmatu li kien Ignatio Chetcuti w ghalhekk l-ghada kien mar ghand l-Avukat tieghu w ghamel kwerela relattiva. Huwa kkonferma li l-kwerela hija dik esebita a fol. 7 tal-atti markata bhala Dok. A. Ikkonferma li meta mar fuq il-post dakinhar li sab il-pulizija kien hemm ukoll dan Ignatio Chetcuti. Gie nfurmat ukoll li dakinhar Ignatio Chetcuti kien ikkargalu s-senter u hadu ghand il-pulizija ghalkemm ighid li l-pulizija irritornawulu.

Huwa kkonferma ukoll li ghandu wied imiss mar-razzett tieghu w ghalhekk ma kellux ghalfejn jaghmel dak li effettivament instab mill-pulizija. Huwa esebixxa zewg ritratti li gew markati bhala Dokumenti B u C, biex juri l-wied li jikkonfina mar-razzett tieghu. Spjega li l-wied jintela sa certu livel biex ifur ghal go bir. Ikkonferma wkoll li huwa qed isofri molestja minghand Ignatio Chetcuti li imblokkalu s-serraturi u nfatti dan l-ahhar il-pulizija resquh il-Qorti w instab hati.

**Ignatio Chetcuti** xehed nhar il-hmistax (15) ta' Novembru 2006 u spjega li l-konvenut jigi n-neputi tieghu. Qal illi huwa jghix l-Awstralja izda jigi Malta regolarment. Ikkonferma li r-razzett in kwistjoni huwa registrat f'ismu u jabita fih meta jigi hawn Malta u ighid li fil-fatt kien ilu jghamel hekk sa mis-sena 1998 u meta effettivament gie lura mill-Awstralja huwa mar biex ighix go fih regolarment. Jghid li fis-sena 1998 huwa kien qed jirristawra dan ir-razzett u kellu l-hsieb li jirritorna lura Malta f'Mejju tas-sena ta' wara w ghalhekk kien ftiehem man-neputi tieghu l-konvenut sabiex dan johodlu hsieb il-fniek u t-tjur li kellu anzi jghid li kien talab lill-konvenut sabiex inehhilu u johroglu mill-kamra it-tjur u fniek li kellu.

Jghid ulterjorment li fis-sena 1992 l-konvenut kien qallu li ommu cioe ohtu li kienet qed tohodlu hsieb ir-razzett ma kienitx ghada tiflah tohodlu hsieb ir-razzett w ghalhekk kien offrielu li sakemm jirritorna hu kien lest li johodlu hsiebu hu stess. Spjegalu li

kellu johodlu hsieb il-bjut u huwa kien jibghatlu flus ghall-ispejjes li kien qed jaghmel u sabiex ihallaslu l-qbiela. Jghid li kien baghtlu s-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500).

Jikkonferma li l-ahhar darba li kien gie kien fis-sena 1990 u jghid li ma kellux dawl u ilma fil-post. Meta gie fis-sena 1998 sab lil konvenut kien applika wkoll ghall-ilma u d-dawl u li tali servizzi kienu gew installati. Qal li meta kien qallu li kien gej jabita fih permanentement huwa beda jheddu bis-senter. Spjega li meta iltaqghu fit-tmintax (18) t'Ottubru kien weghdu li kien ser johrog mir-razzett ghalkemm kien ser jibqa gol-garage. Jghid li l-meter tad-dawl u tal-ilma kien fil-garage li kien ser izomm w ghalhekk tah kopja tac-cavetta tal-garage u dan ghaliex huwa kien ighaddi minnu sabiex jidhol fir-razzett. Kien ukoll fil-hdax (11) ta' Settembru 1998 tah kopja tac-cwievet tal-bieb principali tar-razzett. Ghalkemm ighid li wara xi ftit ta jiem li huwa ltaqa' mieghu sab li kellu s-serraturi ta kullimkien mibdula u ma setax jidhol la mill-garaxx u lanqas mill-bieb principali. Huwa mbaghad telaq lura lejn l-Awstralja f'Novembru 1998 u kien inkariga lill-Avukati tieghu biex jipprezentaw kawza ghan-nom tieghu.

Jghid li sakemm dam hawn Malta l-uniku uzu li kellu tal-ilma kien sabiex jahsel idejh. Huwa rega' gie lura Malta fis-sena 1999 u peress li kellu l-kawza ghaddejja lejn ir-razzett ma resaqx. Fis-sena 2000 huwa rega' sab il-post kien ghadu msakkar u ddecida li jisgassa l-bieb u dahal fir-razzett u kien qieghed ibiddel anzi jinbarra l-bibien bil-katnazzi meta dahal gol-garaxx sab illi kien hemm pipe hiereg minn ma l-art u dan kien qabel il-meter. Huwa ssuspetta hazin u mill-ewwel ghamel rapport lill-Awtorita. Lill-ex Spettur Pisani hadu huwa fuq il-post u wrieh b'kollox w infethet inkjesta relattiva. Ikkonferma li waqt li kienu fuq il-post wasal il-konvenut. Cahad dak li gie allegat

lilu mill-avukat difensur tal-konvenut li huwa qabbad il-pipe sabiex igib il-konvenut fl-inkwiet.

Fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Novembru 2006 gew esebiti zewg dokumenti, Dok. IC 1 li huwa rapport tal-pulizija datat sbatax (17) ta' Settembru 2000 u numru ta' ricevuti ffirmati minn numru ta' nies li gew immarkati bhala Dok. IC 2. Fost id-dokumenti markati bhala Dok. IC 2 hemm ukoll skrittura fejn hemm cessjoni maghmula minn sitt minn nies a favur Grace Caruana bhala prokuratrici tal-imsiefer ħuha Ignatio Chetcuti.

**Pio Pisani** prodott mill-kjamat in kawza xehed nhar it-tmienja (8) ta' Novembru 2007. Huwa kkonferma li kien jokkupa l-kariga ta' Spettur ta' Pulizija fis-sena 2000 u sussegwentement kien lahaq Supretendent fl-istess korp.

Ikkonferma li huwa veru li kien ghamel investigazjoni dwar allegat serq ta' ilma li sar fis-sbatax (17) ta' Settembru 2000 f'post f'Ghajn Rihana. Il-fond kien jismu 'Meadows'. Jiftakar li dakinhar fil-kwarta kien mar ikellmu Ignatio Chetcuti u qallu li meta mar fil-*farmhouse* tieghu kien sabha maghluqha, il-katnazzi kienu mibdula pero sussegwentement kien fetah u dahal fil-post. Meta dahal kien sab senter li ma kienx tieghu u gabu l-ghassa. Huwa kien kelmu u mar il-*farmhouse* ha jaghmel l-investigazzjoni tieghu. Kien qallu li kellu jaqta' l-katnazzi biex jidhol fil-proprjeta li kienet tieghu.

Jghid li waqt li kien hemmhekk innota li hemmhekk kien hemm pipe ta' l-ilma maqtugh minn mal-main u kien qed jaqbez il-main u dan ta' l-ahhar kien sejjer gewwa bir. Hemmhekk kien hemm pipijiet t'*irrigation* u kienu hergin. B'hekk l-ilma li kien qed jaghtih ma kienx qed jigi registrat. Huwa nforma lil Ignatio Chetcuti b'dak li kien sab u qallu li dawk ma kienux affarijiet tieghu u li ma kienx hu li ghamilhom u ma kienx jaf bihom.

Qal li waqt li kienu fuq il-post kien gie l-konvenut u qallu li l-post huwa tieghu u li fil-fatt anke il-karta t'identita tieghu kienet hemm registrata. Ikkonfermalu li s-senter kien tieghu u meta gew biex jitkellmu fuq il-kwistjoni tal-ilma huwa qallu li ma kien jaf b'xejn.

Ikkonferma li fuq il-post kienu saru diversi kwereli. Ikkonferma li kienet saret inkjesta relattiva. Mistoqsi kemm kien ilu jghix Malta Ignatio Chetcuti, x-xhud ighid li ma jafx ghalkemm ikkonferma li ghamel zmien ighix l-Awstralja. Mistoqsi jekk jiftakarx li l-konvenut kien qallu li dawn l-affarijiet ta' l-ilma kienu saru minn Ignatio Chetcuti ghaliex ried jaghmel vendikazzjoni mieghu x-xhud wiegeb li ma jiftakarx.

In kontro-ezami ighid lli r-razzett fih ghaxar sieghan raba mieghu. Meta ma jkunx Malta r-razzett u r-raba kienu ikunu f'idejn omm il-konvenut w in segwitu f'idejn il-konvenut u r-raba kienu jahdmuh huma wkoll. Fuq dak li ghamel il-konvenut kien ghamillu rapport u gie mressaq il-Qorti u instab hati. Huwa jikkonferma li ma mess l-ebda pipe u meta ra l-pipe imqabad qabel il-meter huwa ma mess xejn u mar ighamel rapport relattiv.

Ikkunsidrat:

Rat is-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet premessi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar 2008 u dik moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2008.

Rat il-verbal tal-partijiet tat-tmintax (18) ta' Mejju 2009 kif registrat fl-atti sabiex din l-Qorti kif preseduta tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-senenza gja moghtija minnha fl-istess ismijiet fuq imsemmija dwar kwistjoni ta' prova li ghandu jressaq attur f'kawza civili. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li sostniet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et deciza nhar it-tmintax t'April 2004** dwar x'tip ta' prova legali ghandha tressaq parti f'kawza civili. Sostniet li:

*"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg versjonijiet diametrikament opposti li jkunu plawsiblli jew possibli dan jiffavorixxi l-konvenut in bazi ghal principju li onus probandi incumbit et qui dicit non et qui negat (**Appell Inferjuri Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et deciz 22 ta' Novembru 2002**). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegat fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero, il-grad ta' prova rikjesta fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi l-prova ta' htija ghandha tirrizulta minghajr dubbju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabiltajiet (sottolineat minn din il-Qorti) (*Vide **Appell Civili Paul Vassallo vs Carmelo Pace (19860 Vol. LXX.ii.144*).** *Mera possibilita mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita civili."*

Dan ir-ragunament gie radikat ukoll fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilaq deciza nhar 30 ta' Ottubru 2003** fejn intqal illi:-

"*Fid-dawl ta' dawn iz-zewg versjonijiet kontrastanti il-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita u verosimiljanza tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decisjoni fl-ismijiet* **Carmelo**

**Farrugia vs Rokku Farrugia** *deciza minn din il-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 li 'il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wiehed miz-zewg versjonijiet, fid-dawl ta-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dwar il-konsistenza u verosomoljanzi, ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderenza tal-provi, ghax dawn f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Fil-kamp civili ghal dak li jirrigwarda apprezzament ta' provi, il-kriteji ma humiex dak jekk il-gudikant assolutment jemminx l-ispjegazzjoni fornita lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probalitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu dawn flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Din ghad-differenza ghal dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubbju ragonevoli.

Kif kompla jinghad fl-imsemmija sentenza **Carmelo Farrugia vs Rocco Farrugia** fuq imsemmija:-

"*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fiha ma tkunx tista tiddecidi b'kuxjenza kwindi u ghalhekk taqa' r-regola ta' in dubio pro reo."*

Il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ippruvat is-segwenti:-

1) Illi nhar is-sbatax (17) ta' Settembru 2000 rapprezentanti taghha ghamlu spezzjoni gewwa r-razzett 'Meadows', Ghajn Rihana, Burmarrad u

hejjew rapport relattiv ghal dak li sabu li gie markat bhala Dok. EC 1 u jinsab esebit fl-atti a fol. 23.

2) Illi skond dan ir-rapport jirrizulta li huma sabu pipe imwahhal qabel il-meter u ghalhekk l-ilma li kien qed jittiehed ma kienx qed jigi registrat.

3) Skond dan ir-rapport jirrizulta wkoll li l-konvenut qalilhom a tempo vergine tal-investigazzjoni, li l-meter huwa registrat f'ismu pero ma kien jaf xejn dwar dak il-pipe illecitu li kien hemm iwahhal u li kien zijuh Ignatio Chetucuti l-kjamat in kawza li qabbadlu dan il-pipe is-Sibt ta' qabel l-ispezzjoni u dan ghaliex ippretenda li r-razzett huwa tieghu.

4) Jirrizulta wkoll li l-impjegati tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kellmu ukoll lil kjamat in kawza u dan innega li kien sgassa ir-razzett lejliet ghalkemm ammetta li kien ghamel rapport lill-pulizija ezekuttiva fejn nnega ukoll li kien hu li kkontettja il-pipe direttament minflok il-meter.

5) Jirrizulta wkoll li meta l-impjegati marru fuq il-post sabu meter tal-ilma tal-marka Kent u li kellu qari 112 metri kubici bil-wire tas-sigill maqtugh. Innotaw ukoll li fejn suppost jehel id-dhul tas-servizz tal-ilma dan kien xott qoxqox li fil-fehma taghhom jindika li dan il-meter kien ilu maqtugh izjed minn gurnata kif qal l-konvenut.

6) Huma segwew dan il-pipe w innotaw li l-pipe kien jispicca go bir f'ghalqa fejn kien hemm mizrugh diversi sigar tal-frott. Dan il-pipe kien twil erbghin jew hamsin metru u kien kollu mghotti bil-hamrija.

7) Jirrizulta ukoll li fir-razzett kien hemm pompa kif murija fir-ritratti esebiti minnhom.

Issa mid-Dok. RC 2 u cioe l-*Estimation report* maghmul mit-tekniku tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma jirrizultaw s-segwenti:-

1. Peress illi l-ilma allegatament kunsmat ma kienx qed jigi registrat fuq il-meter tal-ilma, l-Korporazzjoni kellha taghmel stima li hija bazata fuq il-proceduri soliti tal-Korporazzjoni.

2. Il-procedura li giet segwita tipproponi s-segwenti:- *"Water being taken illegally in a farm, estimation is to be worked out at the Nominal Flow Criteria at a Time frame of 3 to 4 hours/day, for the period in question. But being a Farm Account the same W.S.C Procedures state that one calender year is to be taken to be nine months due to a rainy season. In this case the Time Frame is to be taken to be four hours a day for the period in question."*

3. L-istess tekniku qal li l-konsum registrat kien baxx hafna u l-uzu kien ta' bejn metru kubu u erbtax-il metru kubu.

4. Illi a bazi ta dan il-kalkolu l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma hija tal-fehma li l-ammont dovut mill-konvenut qua *registered owner* jammonta ghall-erbat elef hames mija sebgha u hamsin lira maltin (LM4,500.57).

Illi pero mill-provi prodotti l-Korporazzjoni attrici ma ressqet lill-ebda xhud sabiex ighid jekk effettivament rax il-*connection* illegali issir jew min kien li ghamilha.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Korporazzjoni attrici m'irnexxilhiex tipprova l-ammont ta' konsum illecitu li kien hemm u dan lanqas fuq bazi ta' probabilita w ghalhekk ma thossx li ghandha takkolji t-talba taghha dwar il-kundanna ghall-hlas ta' konsum illecitu.

Illi ma hemm l-ebda prova jew indikazzjoni ghaliex fil-fatt l-Korporazzjoni hadet dak it-time span li effettivament hadmet fuqu w ghalhekk thoss li tali t-talba taghha mhiex gustifikata jew adirittura mhiex ippruvata.

Illi pero dwar it-talba taghha ghall-ammont ta' LM110.91 rapprezentanti l-ispejjez konessi ma l-ispezzjoni li saret, il-Qorti thoss li dawn l-ispejjes ghandhom jigu sopportati mill-konvenut u dan ghaliex l-ispezzjoni ma saritx ghal xejn u huwa minnu li kien hemm '*illegal connection*' u stante li l-konvenut huwa ir-*registered owner* tal-meter, huwa fil-fatt konsegwentement responsabbli ghall-meter in dezamina.

Il-konvenut, ghalkemm jichad li huwa qatt ghamel din il-*connection* illecitu ghat-tehid ta' ilma, izda iwahhal fil-kjamat in kawza u jghid li dan ghamilha sabiex jivvendika ruhu minnu peress li ghandhom diversi problemi bejniethom. Il-konvenut jichad li qatt ghamel din il-*connection* sa mil-bidu nett tal-allegazzjoni maghmula fil-konfront tieghu tant li l-ghada ta' din l-ispezzjoni, l-konvenut ipprezenta kwerela lill-Pulizija Ezekuttiva fejn talab lill-Pulizija tressaq lill-kjamat in kawza fuq proceduri kriminali.

Il-kjamat in kawza, Ignatio Chetcuti qal li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mat-tqeghid tal-pipe u rah hemm fil-presenza tal-Pulizija meta sgassa il-post u sab senter li ma kienx tieghu u li dwaru ghamel rapport. Il-kjamat in kawza fil-fatt ighid li dwar dan ir-rapport huwa kien gie mressaq il-Qorti w instab hati w ikkundannat.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b'diversi versjonijiet dik tal-Korporazzjoni attrici li tghid li kien l-konvenut li ghamel il-*connection* tal-pipe u gawda mill-uzu t'ilma, dik tal-konvenut li jghid li l-*connection* saret mill-kjamat in kawza sabiex jivvendika ruhu mill-konvenut u dik tal-kjamat in kawza li jichad li huwa ghamel dan.

Illi pero f'din l-istanza min verament ghamel il-*connection* m'hiex il-kwisjtoni li ghandha tigi deciza. Din il-Qorti trid principalment tiddecidi fuq il-kwisjtoni jekk l-ammont ta' flus mitlub minnha rpapprezentanti allegatament l-uzu ta' ilma hux gustifikat u jekk hu minghand min irid jithallas.

Jinghad ab initio li din il-Qorti ma tistax tifhem kif fil-fatt il-Korporazzjoni waslet ghat-*time frame* li fuqu ghamlet il-kalkolu taghha u cioe ghall-perjodu intier ta' sitt snin. Mill-atti ma jirrizultax li ma kien hemm xi haga ndikattiva li dan l-abbuz seta sar ghal dan il-perjodu kollu u cioe ghal elfejn, mitejn, disgha u sebghin jum (2,279) kif allegat mill-istess Korporazzjoni w ghalhekk thoss li tali t-talba ma hiex gustifikata.

Illi l-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu jghid li t-talba attrici ghandha tigi michuda peress li legalment hija nfondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tieghu w ghalhekk ghandha tigi respinta.

Illi bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi tal- Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma in toto u dan ghaliex una volta jirrizulta li l-meter huwa registrat f'isem l-konvenut, prima facie huwa l-konvenut li huwa responsabbli ghal dak kollu li jigri lill-meter w ghalhekk tali eccezzjoni qieghda tigi milqugha 'n parti u cioe ghar-rigward dik is-somma li tirrapprezenta l-uzu t'ilma, izda pero michuda a rigward dik is-somma flus li tirrapprezenta l-ispezzjoni li saret dwar l-uzu llegittimu t'ilma.

Il-konvenut jeccepixxi fit-tieni lok li ma kienx responsabbli ghal eventwali konsum ta' l-ilma mhux registrat jekk jirrizulta peress li hu stess kien sofra minn att vandalu u ta' spoll minn terza persuna fiz-zmien in kwistjoni.

Illi bir-rispett kollu l-kwistjoni tal-att vandalu u ta' spoll m'ghandhomx x'jaqsmu direttament mat-

talba attrici ‘n vista tal-fatt li l-Korporazzjoni attrici m’ippruvatx, lanqas remotament, li l-uzu llecitu effettivament wassal sabiex intuza l-*units* kollha ekalmanti minnha.

B’din l-eccezzjoni tieghu l-konvenut donnu qed jammetti li kien hemm konsum illecitu, pero il-Qorti xorta thoss li huwa l-kompitu ta’ min jallega li jrid jipprova.

Ghalhekk il-Korporazzjoni messha spjegat lil Qorti kif effettivament waslet ghal uzu ta’ dawk il-*units* kollha rekalamti minnha.

Illi ‘n effetti ma jirrizultax mill-atti minn effettivament min kien li ghamel dan l-abbuz u kemm kien ilu jaghmel dan l-abbuz u ma jirrizultax kemm sar uzu u sussegwentement ghalhekk it-talba attrici ‘n kwantu ghal dik is-somma li tirrapprezenta l-konsum illecitu, ma tistax tirnexxi.

Dwar ir-raba eccezzjoni fejn talab li ikun hemm il-kjamat in kawza ta’ Ignatio Chetcuti din saret u ghalhekk m’hemmx wisq x’jinghad dwarha, ghalhekk il-kwisjtoni jekk il-konvenut ghandux ikun il-legittimu kontradittur jew le, din diga giet trattata f’ewwel eccezzjoni w ghalhekk din ir-raba eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

Minn naha l-ohra l-kjamat in kawza eccepixxa li huwa m’ghandux *locus standi* f’din il-kawza w ghandu jigi liberat mill-osservnza tal-gudizzju.

Dwar din il-Qorti diga ippronunzjat ruha u tiddeciedi li din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha stante li verament l-kjamat in kawza m’ghandux relazzjoni guridika mal-Korporazzjoni w ghalhekk verament ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

> Peress li qed jigi liberat mil-osservanza tal-gudizzju, l-Qorti ser tieqaf milli titratta l-eccezzjoni l-ohra tieghu.
>
> Ghaldaqstant l-Qorti qieghda tilqa l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza u konsegwentement qed tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt li qed tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut John Mary Caruana u tilqa it-tielet eccezzjoni tieghu fis-sens li qed tillimita l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici nomine, ghas-somma ta' LM110.91 (257.93 Euros) u tichad r-raba eccezzjoni tieghu, b'dan li ghalhekk il-Qorti qieghda tilqa it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' LM110.91 ekwivalenti ghal 257.93 Euros.
>
> Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu 'n kwantu dawk li ghandhom x'jaqsmu mal-kjamat in kawza kollha mill-konvenut, w in kwantu ghal dawk l-ispejjes konnessi mat-talba attrici, dawn ghandhom jithallsu ghall-wahda minn tmienja mill-konvenut u r-rimantenti sebgha minn tmienja mill-Korporazzjoni attrici.
>
> Bl-imghax skond il-ligi."

L-aggravju tal-Korporazzjoni attrici fil-korp tar-rikors ta' l-appell taghha huwa dan. L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta naqset milli tillikwida d-danni subiti minnha ghal tehid b'abbuz ta' ilma da parti tal-konvenut;

Huwa utli illi qabel konsiderazzjoni ta' dan l-aggravju l-Qorti tirregistra dawn il-konstatazzjonijiet emergenti mis-sentenza appellata:-

1. L-ewwel Qorti individwat illi l-kwestjoni principali li fuqha kellha tiddeciedi kienet tirrigwarda l-ammont reklamat u minn min kien hekk dovut;

2. L-atti ma kienux jindikaw illi l-abbuz kien tabilhaqq ikopri l-perijodu shih ta’ sitt snin, kif hekk stabbilit fl-istima tal-Korporazzjoni (fol. 26);

3. Ghalkemm bid-difiza tieghu kontenuta fit-tielet eccezzjoni l-konvenut kien qed jammetti li kien hemm konsum illecitu ta’ ilma, il-Korporazzjoni attrici ma spjegatx kif imiss kif effettivament waslet ghall-uzu tal-*units* minnha prefissi;

4. It-talba riferibilment ghall-ammont ta’ l-ispiza ta’ l-ispezzjoni (Lm110.91) ghandha tintlaqa’ fil-konfront tal-konvenut ghaliex huwa minnu li kien hemm “*illegal connection*” u la l-konvenut huwa r-*registered owner* tal-*meter* huwa responsabbli ghalih;

Premessi dawn il-konstatazzjonijiet, fil-qosor l-atti istruttorji jistabilixxu illi fil-fond detenut mill-konvenut kien hemm *pipe* proprjeta ta’ l-istess konvenut, komunikat mal-*main* tal-Gvern li kien jaghti ghal gol-bir tieghu. B’din il-komunikazzjoni illegali ntebhu l-Ispettur Pio Pisani (ara xhieda tieghu a fol. 108) u PC 714 Victor Bonavia (fol. 59) fil-kors ta’ indagini fuq kwestjoni ohra. L-ufficcjali tal-Korporazzjoni li investigaw il-kaz ghamlu l-kalkolazzjoni taghhom tal-kwantita ta’ ilma li seta’ ttiehed u ma giex registrat. Ara xhieda ta’ Emanuel Cumbo (fol. 18) u ta’ Francis Spiteri (fol. 21). F’din il-kalkolazzjoni ittiehed *time-frame* mill-21 ta’ Gunju 1994 (data ta’ l-installazzjoni tal-*meter*) u s-17 ta’ Settembru 2000 (data ta’ l-ispezzjoni). Jinsab spjegat mix-xhud imsemmi Emanuel Cumbo illi minghajr il-*meter* ma hemmx mezz kif il-Korporazzjoni tista’ tikkomputa kemm ikun ittiehed ilma li ma giex registrat izda tista’ biss tikkalkola b’approssimazzjoni kemm ikun ghadda ilma minn *pipe* ta’ certu ghamla;

Jidher evidenti illi l-punt kollu ghal-liema gie introdott l-appell jirrigwarda l-ammont ta’ konsum illecitu li sar, u li, skond l-ewwel Qorti, il-Korporazzjoni appellata ma rnexxilhiex tipprova l-entita tieghu, lanqas fuq bazi ta’ probabilita;

Ma jistax ikun dubitat illi l-piz tal-prova tad-danni, konsistenti minn telf ta' introjtu dovut ghall-uzu illecitu tal-*meter* ta' l-ilma, hu mghobbi fuq il-Korporazzjoni. Hi kellha b'obbligu mhux biss li tipprova l-illecitu, u c-cirkustanzi li fuq il-bazi tan-ness kawzali jiddeterminaw l-ezistenza u c-certezza tad-dannu, imma wkoll l-ammont tat-telf subit. Fl-ipotesi fejn dan it-telf ikun diga sehh l-oggett tal-prova jassumi l-forma tal-prova diretta ghal fini li jintwera l-kwantum preciz. Dan permezz ta' fatturi, testimonjanzi u provi attendibbli. Fejn, bhal f'dan il-kaz, l-ammont ma jkunx jista' jigi stabbilit fl-ezattezza kollha tieghu ghaliex ikun impossibbli li dan isir, purke jezistu l-elementi probatorji necessarji u certi fatti accertati hu possibbli li d-determinazzjoni ta' l-ammont issir mill-gudikant permezz ta' valutazzjoni ekwitattiva. Proprju l-uzu ta' dan il-kriterju sussidjarju hu dak li jeghleb d-diffikultajiet riskontrati dwar l-entita ezatta tat-telf u, li jevita wkoll li d-diffikolta probatorja relattiva ghall-kwantum tirrizolvi ruhha in definittiva ghaf-favur ta' min dak it-telf ikun gabu fis-sehh;

Kif taraha din il-Qorti anke fil-kaz prezenti kienu jezistu l-presupposti ghalbiex l-ewwel Qorti tapplika l-imsemmi kriterju, ukoll minghajr il-htiega ta' domanda esplicita ghal daqshekk mill-Korporazzjoni appellanti. Hekk, ad ezempju, sar mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza in re: "**Neg. Edgar Laferla *nomine* -vs- Neg. Antonio Cachia *proprio et nomine***", deciza fis-6 ta' Gunju, 1951. Fiha gie enuncjat, fuq il-konsiderandi tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Ruma in re: "**Banca Nazionale -vs- Santini**", 11 ta' Mejju, 1877, illi "fin-nuqqas ta' mezzi probatorji ta' l-ammont tad-danni dan l-ammont jigi fissat *ex aequo et bono* mill-gudikant skond id-dettami tar-raguni u tal-kuxjenza tieghu meta jigi msejjah biex jistabilixxi l-kwantitativ tad-danni";

Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-

ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala *bonum vir,* ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u tal-pregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";

Fuq il-fehma ta' din il-Qorti, meta l-ewwel Qorti naqset milli tadopera dik il-valutazzjoni ekwitativa u ta' gustizzja, ir-rizultat finali tad-decizjoni taghha ma jistax ma jitqiesx inikwu ghall-Korporazzjoni appellanti, u din is-sitwazzjoni jenhtiegilha li tigi mhux biss indirizzata, izda fuq kollox rettifikata. L-istima a fol. 26 ippreparata mill-ufficcjali tal-Korporazzjoni tipprovdi indikaturi taz-zmien u tal-kwantum tal-konsum illegali ta' l-ilma. Ragjonevolment, din l-istess stima mhux bilfors u realistikament tirrifletti t-telf effettivament subit, u ghall-perijodu shih ta' sitt snin. Ukoll, il-kalkolazzjoni mhux lanqas ta' bilfors timponi ruhha fuq il-Qorti, u dan avolja ma jirrizultax illi l-konvenut appellat ikkonfronta l-kwantum hekk ikkalkolat. Fil-konsiderandi tac-cirkustanzi kollha u bl-uzu tal-kriterju fuq imsemmi, din il-Qorti tara li jkun gust u ekwu illi s-somma reklamata mill-Korporazzjoni attrici tigi almenu ridotta b'terz.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell u b'hekk tirriforma s-sentenza appellata billi qabel xejn tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut ghall-ispiza ta' l-ispezzjoni, u sekondarjament,

billi thassarha ghall-kumplament, u b’hekk takkolji t-talba tal-Korporazzjoni attrici fil-konfront tal-konvenut appellat billi tikkundannah ihallas lill-Korporazzjoni attrici, b’zieda ma’ l-ammont stabbilit mill-ewwel Qorti, is-somma ta’ elf u hames mitt lira (Lm1500) ekwivalenti ghal tlett elef erba’ mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3494.06), bl-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------